

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Augstākā tiesa (il-Litwanja) fis-27 ta' Marzu 2017 – SIA  
“E LATS”**

(**Kawża C-154/17**)

(2017/C 195/18)

*Lingwa tal-kawża: il-Litwan*

**Qorti tar-rinviju**

Augstākā tiesa

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: SIA “E LATS”

Konvenut: Valsts ieñemumu dienests

**Domandi preliminari**

- 1) Il-punt (1) tal-Artikolu 311(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (<sup>1</sup>), għandu jiġi interpretat fis-sens li xogħlijiet użati mixtriha minn rivenditur, li jkollhom metalli prezjużi jew haġgar prezjuż (bħal f'dan il-każ) u li jerġgħu jinbiegħu primarjament sabiex jinkisbu dawn il-metalli u dan il-ħaġar, jistgħu jitqiesu li huma oġġett użati?
- 2) Jekk ir-risposta għall-ewwel domanda hija pożittiva, sabiex tiġi llimitata l-applikazzjoni ta' din is-sistema partikolari, huwa rilevanti li r-rivenditur jkun jaf bl-intenzjoni ulterjuri tax-xerrej li jikseb il-metalli prezjużi jew il-ħaġar prezjuż li jkunu jinsabu f'dawn ix-xogħlijiet użati, jew huma rilevanti l-karakteristiċi oġġettivi tat-tranżazzjoni (il-kwantità tal-prodotti, l-istatus legali tal-parti l-oħra fit-tranżazzjoni, eċċ.)?

<sup>(1)</sup> ĠU L 347, p. 1.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Supremo (Spanja) fit-3 ta' April 2017 – Asociación Nacional de Productores de Ganado Porcino vs Asociación Nacional de Productores de Ganado Porcino**

(**Kawża C-169/17**)

(2017/C 195/19)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal Supremo

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Asociación Nacional de Productores de Ganado Porcino

Konvenuta: Administración del Estado

**Domandi preliminari**

- 1) L-Artikoli 34 u 35 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu regola nazzjonali bħall-Artikolu 8(1) tad-Digriet Irjali 4/2014, tal-10 ta' Jannar 2014, li japprova r-regola dwar il-kwalità tal-laħam, tal-perżut, tal-ispalla u tal-flekk tal-majjal iberiku, li tissubordina l-użu tat-terminu “ibérico” fir-rigward tal-prodotti ppreparati jew ikkummercializzati fi Spanja għall-kundizzjoni li dawk li jrabbu l-majjali tar-razza iberika b'sistemi ta' trobbija intensiva (ta' majjali) iżidu s-superfiċji totali minimu ta' spazju liberu sabiex dan jilħaq iż-2m<sup>2</sup> għal kull animal ħaj ta' iktar minn 110 kg, minkejja li jirriżulta – fejn applikabbli – li l-għan tar-regola huwa li tittejjeb il-kwalità tal-prodotti kkonċernati?